MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2011

Numru. 141/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**vs**

**Daniela Cassar ta' 34 sena, bint Rosario u Susan nee Moore, mwieled H'Attard, fl-20 ta' Awissu 1976, residenti gewwa Blk G Flt 3, Triq Bellavista, San Gwann u detentrici tal-karta ta' identita bin-numru 427476M**

**Omar Chalbi ta' 21 sena, iben Mohammed ben Mustafa u Susan nee Moore, mwieled Pieta, fit-02 ta' Gunju 1989, residenti gewwa Blk G Flt 3, Triq Bellavista, San Gwann u detentur tal-karta ta' identita bin-numrui 250689M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Daniela Cassar u Omar Chalbi, li gew akkuzati talli nhar il-11 ta' Jannar 2011, ghal habta ta' nofsinhar neqsin hames minuti (11:55 hrs), ikkommettew serq minn gewwa l-Ispizerija 'Gudja Pharmacy' sitwata fi Triq San Ciru, Gudja, ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94 izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

U aktar talli nhar l-10 ta' Jannar 2011, ghal habta tas-sitta w nofs ta' wara nofsinhar (18:30hrs), ikkommettew serq minn gewwa l-hanut 'Dorianne Fashion Wear' sitwat fi Triq il-Kbira, Zebbug, ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94 izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin;

Omar Chalbi wahdu gie akkuzat talli fl-istess dati u cirkostanzi f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer saq vettrua mhux licenzjata mill-Awtorita tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Omar Chalbi wahdu gie akkuzat ukoll talli irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenza tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikoli.

Daniela Cassar wahedha giet akkuzata talli irrendiet ruhha recediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabet hatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati u l-Qorti ma tistax hlief issibhom hatja migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputati izda ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputati huma t-tnejn recidivi u ghalhekk ghalkemm il-Qorti ser tinfliggi piena fil-minimu taghha fid-dawl tal-ammissjoni bikrija, madanakollu l-piena ser tkun wahda karcerarja effettiva. Inoltre fil-konfront tal-imputa Omar Chalbi l-Qorti ser ukoll tikkonverti s-sentenzi li ghalihom issir referenza fir-raba' akkuza fejn gew applikati l-artikoli 7 u 22 tal-Kap 446 f'piena karcerarja effettiva. Inoltre l-Qorti mhijiex ser tghaddi biex tapplika l-provediment tal-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta billi huwa ser ikun qed jigi mizmum gewwa l-habs civili ta' Kordina.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 280(1), 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9, Section 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Section 3(1) u (2A) Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u Section 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkunna lill-imputata Daniela Cassar ghall-perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija u lill-imputat Omar Chalbi ghall-perjodu ta' tlettax il-xahar prigunerija.

Il-Qorti tghamel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs illi l-imputati jigu akkumpanjati gewwa l-Isptar Mater Dei

sabiex jaghmlu vista lil Susan Scerri li ser taghmel operazzjoni fil-granet li gejjin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------